KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 33/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33

*l-Erbgħa, 27 ta' Settembru, 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola l-Erbgħa, 27 ta' Settembru, 2017. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Steven Axisa-*Viċi Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Nicholas Seychell-*Kunsillier*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni<br>Permanenti 14A (3): | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien rċieva żewġ ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Lynch u Muscat. Il-membri qablu li huma ikunu skużati

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.32 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar l-iskema ta' restawr is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet daħlet l-applikazzjoni fejn qal li fid-dawl li normalment jintagħżel proġett wieħed sabiex jiġi restawrat, l-applikazzjoni kienet daħlet b'ħames niċeċ sabiex naraw minn dawn il-ħamsa liema jiġu approvati biex isir ix-xogħol fuqhom.

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Rapport mingħand l-skema GreenPak dwar l-ammont ta' skart riċiklabbli li jinġabar mill-lokalita. Il-membri innutaw ir-riżultati pożittivi li kienu qed jinkisbu.

3.2. Ittra mingħand il-Maltapost tinforma lil Kunsill li ser terġa tibda topera il-mobile van mill-inħawi ta' Lourdes. Fuq suġġeriment tas-Sindku il-membri qablu wkoll li għanda tintbagħat ittra lil banek prinċipali Maltin sabiex jikkunsidraw li jinstallaw ATM fl-inħawi tal-A3 towers.

3.3. Talba mill-iskola Primarja B fejn qed jitolbu li l-Kunsill jikkollabora magħhom fl-attività sportiva li ser jorganizzaw. Il-membri qablu li l-Kunsill jassisti fl-immaniġġjar tat-traffiku.

4. ***<u>Sejħiet għall-Offerti/Kwotazzjonijiet</u>***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li infetħu l-offerti għat-tender tal-bankini u patching, fejn kien hemm żewġ offerti mingħand Ell's Urban Services u Schembri Infrastructures. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Kumitat sabiex issa issir l-evalwazzjoni tal-istess offerta.

## 5. Jum Paola

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienet sargħet laqgħa marbuta mal-kunċert ta' Jum Paola. Huwa ppreżenta ir-rapport anness li jinkludi dak kollu miftiehem bejn il-partijiet kollha konċernati. Il-membri qablu mal-punti imsemmija u li isir ukoll shuttle Service mill-Knisja Kristu Re għall-MCAST.

5.2. Il-Kunsillier Bartolo xtaq jistaqsi jekk l-għaqdiet ta' Lourdes ġewx infurmati b'dak li ser isir fid-dawl li kien hemm xi kummenti negattivi fejn huma qed jgħidu li tħallew barra. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill Lokali Paola ilhu għal dawn l-aħħar snin imexxi l-okkażjoni ta' Jum Paola minn parti għall-oħra tal-lokalita u din id-darba kien imiss li din issir fin-naħa ta' Kristu Re. Is-Sindku kompla li fid-dawl tal-attivitajiet li qed isiru wkoll fil-parroċċa Kristu Re kienet ħaġa għaqlija li isir dan il-kunċert u ħadd m'huwa jgħid li fis-snin li ġejjin isir kunċert mill-Banda ta' Lourdes. Fakkar ukoll li issa li l-baned ta' Kristu Re huma kollha rikonoxxuti mill-Knisja kienet tassew tagħmel sens li isir dan il-Kunċert flimkien.

5.3. Il-Kunsillier Spiteri żied illi filwaqt li kien qal mill-ewwel li ma jaqbilx ma' dan il-metodu ta' kif ser jiġi ċċelebrat Jum Paola 2017, hu qal li ta' Lourdes tkellmu hekk fid-dawl li forsi ma kienux infurmati bil-ħsibijiet proprji tal-Kunsill. Huwa saħaq li għandna dejjem naraw li jekk għandna xi ħaġa tinqasam bejn kulħadd u żied li jekk ser isir xi ħaġa simili is-sena id-dieħla, naraw li nistiednu l-banda ta' Lourdes.

## 6. Staff

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-kuntratt tal-impjegat fi skala 15 Keith Parnis wasal biex jiġġedded u żied li l-ftehim kollettiv tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali jitlob li l-Kunsill japprova it-tiġdid ta' Kuntratt Il-membri approvaw li l-kuntratt jiġġedded.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li ma kienet waslet l-ebda applikazzjoni għas-sejħa li għamel il-Kunsill għall-impjegat fi Skala 16.

6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għaldaqstant ikun għaqli illi isir dan it-tibdil kif ġej sabiex ikun hemm il-gradi imqassma bejn l-impjegati fid-dawl tax-xogħol li huma jagħmlu:

6.3.1. Tingħata promozzjoni lill-impjegata fi Skala 13 Josephine Camilleri għall-grad ta' Assistent Prinċipal fi Skala 11.

6.3.2. Tingħata promozzjoni lill-impjegat fi Skala 15 Keith Parnis għall-Skala 13 fil-grad ta' Executive Officer.

6.3.3. Is-sejħa tal-impjegat fi Skala 16 issir fi skala 15 fejn naraw mad-Dipartiment jekk hux possibbli li bi skala 15 isiru id-dmirijiet kif mitluba fis-sejħa preċedenti.

6.4. Wara diskussjoni il-membri qablu mat-tibdiliet imsemmija hawn fuq u approvaw li joħorġu is-sejħiet kif imsemmi.

6.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li qed tinħoloq anomalija mal-impjegat Ivan Ciangura li qiegħed jaħdem mal-Kunsill Lokali Paola bl-iskema tal-RSS (ex-IPSL), fid-dawl li dan qiegħed jimmaniġġja is-sistema tal-ilmenti kif ukoll iqassam lix-xogħol lil ħaddiema tal-iskema bħal tiegħu u l-iskema tal-Community Work. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li huwa jinsab infurmat li bħala Kunsill nistgħu nagħtu bonus/allowance lilhu sabiex tkopri din l-anomalija li qed issir fid-dawl tar-responsabiltajiet mogħtija lilhu. Is-Sindku qal li l-impjegat Ciangura qed jagħmel xogħol ta' responsabiltà u qal li ikun xieraq li dan jingħata din l-allowance. Wara diskussjoni il-membri qablu li jingħata allowance ta' €1,200 li tkopri is-sena 2017. Il-Viċi Sindku qal li fis-snin li ġejjin il-Kunsill għandu jara li dan l-ammont jiżdied.

*Il-Viċi Sindku Steven Axisa telaq mil-laqgħa*

## 7. Proġetti tal-Kunsill Lokali Paola

7.1. Is-Sindku Dominic Grima informa lil membri illi sfortunatament illum ma jistax jippreżenta aktar informazzjoni dwar il-proġetti tal-Kunsill Lokali Paola fid-dawl li l-materjal tal-proġetti u stimi tal-proġetti kif diskussi f'laqgħat preċedenti ma waslux mingħand il-Perit tal-Kunsill.

7.2. Dwar il-Ġnien Dom Mintoff, is-Sindku informa lil membri illi huwa ġie infurmat illi il-proġett ser isir mill-*Water Services Corporation* fejn bħalissa qed isiru bosta diskussjonijiet marbuta ma dan il-proġett. Kompla billi qal li sfortunatament ser ikollu jitneħħa ftit parkeġġ sabiex ikun jista' isir ix-xogħol. Il-membri qablu li nibgħatu ittra lir-residenti sabiex ikunu infurmati b'dan.

## 8. Proġett tal-Pjazza u l-Latrina

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi tkompla ix-xogħol fuq il-pjazza fejn saru xi tabelli quddiem Main Street b'mod temporanju. Ser isir ukoll aktar xogħol ta' żebgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn it-tabelli tħallsu mill-Kunsill Lokali però ser jiġu re-imbursed mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta. Is-Sindku kompla wkoll li beda ix-xogħol fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-membri irrimarkaw dwar il-pedata tat-taraġ tal-Kunsill fejn is-Sindku saħaq li huwa ilhu għal-bosta drabi jindika li it-taraġ kien ser jiġi żgħir infatti qal li fit-taraġ ta' quddiem il-pedata kibret.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku informa lil membri illi kompla ix-xogħol fuq l-attivitajiet tal-Kunsill Lokali Paola fejn qal li ser isir *weekend break* f'Għawdex. Dwar l-attivitajiet il-kunsillier Ivan Bartolo issuġġerixxa li minn dawn l-attivitajiet igawdu entitajiet u nies mill-lokal. Is-Sindku qalli dan mhux possibbli legalment. Il-Kunsillier Bartolo saħaq ukoll li filwaqt li jaqbel mal-attivitajiet qiegħed jinnota wkoll li qed jittieħdu in-nies tal-għaqdiet. Is-Sindku qal li il-Kunsill Lokali huwa liberu li jorganizza l-attivitajiet li ikun hemm bżonn.

9.2. Is-Sindku informa lil membri illi hemm xi ħsara fi Ġnien Lorry Sant fid-dawl, fejn jidher li hemm ħsarat ta' natura gravi u ħa naraw li dawn jitranġaw fl-iqsar żmien possibbli. Is-Sindku kompla wkoll li fid-dawl tan-nuqqas ta' ħaddiema ta' barra ser ikollu isir xogħol minn kuntratturi privati.

9.3. Dwar iċ-Ċentru ta' Anzjanità attiva is-Sindku informa lil membri illi is-sessjonijiet kważi qed isiru kuljum fid-dawl li qed isiru korsijiet mid-Dipartiment ta' Promozzjoni tas-saħħa kif ukoll korsijiet dwar l-użu tat-tablets. Infatti is-Sindku xtaq jirringrazzja lid-Dipartimenti tal-Gvern li qed jikkoperaw magħna u joffru dawn is-sessjonijiet.

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Kunsillier Ivan Bartolo xtaq jistaqsi lis-Sindku meta ser issir l-irħama marbuta mal-Ġnien Pawlu Boffa. Is-Sindku qal li mar ikellem lil persuna li ser taħdem din l-irħama però kellu jerġa imur għandu sabiex jiffinalizza l-ordni.

## 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 32 għas-somma ta' €98,367.35

## 12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:00pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 30 ta' Ottubru 2017.

Konfermati, illum it-Tnejn 30 ta' Ottubru.

**Iffirmata** **iffirmata**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku